IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.12.2020
COM(2020) 855 final

ANNEX 2

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Uniti tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ DWAR PROĊEDURI TA' SIGURTÀ GĦALL-ISKAMBJU U L--PROTEZZJONI TA' INFORMAZZJONI KLASSIFIKATA

L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni")

u

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit"),

imsejħa b'mod konġunt "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU:

- li l-Partijiet jikkondividu l-objettivi li jsaħħu s-sigurtà tagħhom stess b'kull mod,

- li l-Partijiet jaqblu li bejniethom jenħtieġ li tiġi żviluppata kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni,

- li f'dan il-kuntest, għalhekk, teżisti ħtieġa permanenti għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Partijiet,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li kooperazzjoni u konsultazzjoni sħaħ u effettivi jistgħu jeħtieġu l-aċċess għall-informazzjoni klassifikata u l-materjal relatat tal-Partijiet kif ukoll l-iskambju ta' dawn,

KONXJI li tali aċċess għal, u skambju ta', informazzjoni klassifikata u materjal jirrikjedu t-teħid ta' miżuri adegwati ta' sigurtà,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li dan il-Ftehim jikkostitwixxi ftehim supplimentari għall-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni"),

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Biex jintlaħqu l-objettivi tat-tisħiħ tas-sigurtà ta' kull Parti b'kull mod, dan il-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ("il-Ftehim") japplika għal informazzjoni jew materjal klassifikati f'kull forma jew ipprovduti minn Parti waħda lill-Parti l-oħra jew inkella skambjati bejniethom.

2. Kull Parti għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata li tirċievi mill-Parti l-oħra minn żvelar mhux awtorizzat jew telf, skont it-termini mniżżlin f'dan il-Ftehim u skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

3. Dan il-Ftehim ma jikkostitwixxix bażi biex tiġi mġiegħla ssir il-provvista jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata mill-Partijiet.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "informazzjoni klassifikata" tfisser kull informazzjoni jew materjal, f'kull forma, natura jew metodu ta' trażmissjoni li jkunu:

(a) determinati minn waħda mill-Partijiet bħala li jeħtieġu protezzjoni kontra żvelar mhux awtorizzat jew telf, li jista' joħloq livelli varji ta' dannu jew ħsara fl-interessi tar-Renju Unit, fl-interessi tal-Unjoni jew fl-interessi ta' Stat Membru wieħed jew aktar tagħha; u

(b) jkollhom marka ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà kif stipulat fl-Artikolu 7.

Artikolu 3

1. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni li għalihom japplika dan il-Ftehim huma: il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta'Sigurtà, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("is-SEAE"), il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

2. Dawn l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni jistgħu jikkondividu informazzjoni klassifikata li taslilhom permezz ta' dan il-Ftehim ma' istituzzjonijiet u entitajiet oħrajn tal-Unjoni, soġġetti għall-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti u soġġetti għal assigurazzjonijiet xierqa li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi jipproteġu l-informazzjoni b'mod adegwat.

Artikolu 4

Kull Parti għandha tiżgura li jkollha fis-seħħ sistemi u miżuri ta' sigurtà xierqa, ibbażati fuq il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fil-liġijiet, fir-regoli jew fir-regolamenti rispettivi tagħha u riflessi fid-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 12, biex ikun żgurat li qed jiġi applikat livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim.

Artikolu 5

1. Kull Parti għandha, fir-rigward ta' informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata fl-ambitu ta' dan il-Ftehim:

(a) tipproteġi, skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti tagħha stess, informazzjoni klassifikata bħal din għal livell ekwivalenti ta' protezzjoni bħalma tagħti lill-informazzjoni klassifikata tagħha stess fil-livell ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà korrispondenti, kif stabbilit fl-Artikolu 7;

(b) tiżgura li informazzjoni klassifikata bħal din iżżomm il-marka tal-klassifikazzjoni ta' sigurtà mogħtija lilha mill-Parti provvedenti, u li ma tbaxxix il-livell tal-klassifikazzjoni tagħha jew tiddeklassifikaha mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti; il-Parti riċeventi għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti ta' sigurtà applikabbli tagħha stess għal informazzjoni li jkollha

klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti kif speċifikat fl-Artikolu 7;

(c) ma tużax informazzjoni klassifikata bħal din għal għanijiet li mhumiex dawk stabbiliti mill-oriġinatur jew dawk li għalihom tiġi pprovduta jew skambjata l-informazzjoni, ħlief meta l-Parti fornitriċi tkun tat il-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel;

(d) soġġett għall-modalitajiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ma tiżvelax informazzjoni klassifikata bħal din lil terza persuna jew tagħmel informazzjoni klassifikata bħal din disponibbli għall-pubbliku mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Parti fornitriċi;

(e) ma tippermettix l-aċċess għal informazzjoni klassifikata bħal din minn individwi ħlief jekk dawn ikollhom bżonn it-tagħrif u jkunu ngħataw l-approvazzjoni tas-sigurtà jew jingħataw is-setgħa jew l-awtorizzazzjoni b'xi mod ieħor skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli tal-Parti riċeventi;

(f) tiżgura li tali informazzjoni klassifikata tiġi ttrattata u maħżuna f'faċilitajiet li jkunu żgurati, ikkontrollati u protetti b'mod xieraq skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti; u

(g) tiżgura li l-individwi kollha li għandhom aċċess għal informazzjoni klassifikata bħal din ikunu infurmati bir-responsabbiltà tagħhom li jipproteġuha skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli.

2. Il-Parti riċeventi għandha:

(a) tieħu l-passi kollha meħtieġa, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, biex tipprevjeni li informazzjoni klassifikata pprovduta skont dan il-Ftehim ssir disponibbli għall-pubbliku jew kwalunkwe terza persuna; jekk ikun hemm xi talba biex xi informazzjoni klassifikata pprovduta skont dan il-Ftehim issir disponibbli għall-pubbliku jew għal xi terza persuna, il-Parti riċeventi għandha tinnotifika lill-Parti provvedenti bil-miktub minnufih, u ż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-miktub qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-iżvelar;

(b) tinforma lill-Parti provvedenti b'kull minn awtorità ġudizzjarja, anki bħala parti minn proċess ġudizzjarju, jew minn awtorità leġiżlattiva li taġixxi f'kapaċità investigattiva, biex tikseb informazzjoni klassifikata riċevuta mill-Parti fornitriċi skont dan il-Ftehim; meta l-Parti riċeventi tivvaluta din it-talba, hi għandha, sa fejn possibbli, tikkunsidra l-opinjonijiet tal-Parti provvedenti; jekk, permezz tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti riċeventi, din it-talba tinvolvi t-trażmissjoni tal-informazzjoni klassifikata msemmija lill-awtorità leġiżlattiva jew l-awtorità ġudizzjarja rikjedenti, anki bħala parti minn proċess ġudizzjarju, il-Parti riċeventi għandha tiżgura, sa fejn ikun possibbli, li l-informazzjoni tkun protetta b'mod xieraq, inkluż minn kull żvelar lil awtoritajiet oħra jew terzi persuni.

Artikolu 6

1. L-informazzjoni klassifikata għandha tiġi żvelata jew rilaxxata skont il-prinċipju tal-kunsens tal-oriġinatur.

2. Biex isir rilaxx lil riċevituri oħra li mhumiex il-Partijiet, skont il-punt (d) tal-Artikolu 5(1), għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-iżvelar jew ir-rilaxx ta' informazzjoni klassifikata mill-Parti riċeventi

każ b'każ, soġġetta għall-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti u skont il-prinċipju tal-kunsens tal-oriġinatur.

3. Ma għandu jkun possibbli l-ebda rilaxx ġeneriku sakemm ma jkunux ġew miftehma proċeduri bejn il-Partijiet rigward ċerti kategoriji ta' informazzjoni li huma rilevanti għar-rekwiżiti speċifiċi tagħhom.

4. L-informazzjoni klassifikata li hija soġġetta għal dan il-Ftehim tista' tiġi pprovduta lil kuntrattur jew lil kuntrattur prospettiv biss bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti Qabel ma tiżvela xi informazzjoni klassifikata lil xi kuntrattur jew kuntrattur prospettiv, il-Parti riċeventi għandha tiżgura li l-kuntrattur jew il-kuntrattur prospettiv ikun ipprovda sigurtà għall-faċilitajiet tiegħu u li jkun jista' jipproteġi l-informazzjoni klassifikata skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli, u li l-kuntrattur jew il-kuntrattur prospettiv ikollu l-approvazzjoni tas-sigurtà adatta, fejn applikabbli, għalih innifsu, u jkollu l-approvazzjonijiet tas-sigurtà adatti għall-membri tal-persunal tiegħu li jeħtieġu aċċess għall-informazzjoni klassifikata.

Artikolu 7

1. Biex jiġi stabbilit livell ekwivalenti ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata pprovduta mill-Partijiet jew skambjata bejniethom, il-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà għandhom jikkorrispondu kif ġej:

L-UE	Ir-Renju Uniti
TRES SECRET UE / EU TOP SECRET	UK TOP SECRET
SECRET UE / EU SECRET	UK SECRET
CONFIDENTIEL UE / EU CONFIDENTIAL	L-ebda ekwivalenti – ara l-paragrafu 2
RESTREINT UE / EU RESTRICTED	UK OFFICIAL-SENSITIVE

2. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet, ir-Renju Unit għandu jagħti informazzjoni klassifikata bħala CONFIDENTIEL UE / EU CONFIDENTIAL livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak ta' informazzjoni klassifikata UK SECRET.

3. Sakemm ir-Renju Unit ma jkunx innotifika lill-UE bil-miktub li jkun iddegrada jew iddeklassifika l-informazzjoni klassifikata UK CONFIDENTIAL li diġà teżisti tiegħu, l-Unjoni għandha tagħti lil din l-informazzjoni livell ekwivalenti ta' protezzjoni bħal dak mogħti lil informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE / EU CONFIDENTIAL u, sakemm ir-Renju Unit ma jkunx innotifika lill-Unjoni bil-miktub li huwa ddeklassifika l-informazzjoni klassifikata UK RESTRICTED li diġà teżisti tiegħu, l-Unjoni għandha tagħti lil kull informazzjoni klassifikata UK RESTRICTED li diġà teżisti, livell ekwivalenti ta' protezzjoni bħal dak mogħti lil informazzjoni klassifikata RESTREINT UE / EU RESTRICTED.

Artikolu 8

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li, fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom

jeħtieġu aċċess, jew li d-dmirijiet jew il-funzjonijiet tagħhom jistgħu jagħtuhom aċċess, għal informazzjoni klassifikata fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE / EU CONFIDENTIAL jew UK SECRET jew ogħla li ġiet ipprovduta jew skambjata permezz ta' dan il-Ftehim, ikunu ngħataw l-approvazzjoni ta' sigurtà adegwata jew ngħataw is-setgħa jew l-awtorizzazzjoni mill-Parti riċeventi skont il-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli, qabel dawk il-persuni jingħataw aċċess għal informazzjoni klassifikata bħal din apparti r-rekwiżit li l-individwu għandu bżonn it-tagħrif, kif previst fil-punt (e) tal-Artikolu 5(1).

2. Il-proċeduri ta' approvazzjoni tas-sigurtà għandhom jitfasslu biex jiġi determinat jekk individwu, b'kont meħud tal-lealtà u l-affidabbiltà tal-individwu, jistax ikollu aċċess għal informazzjoni klassifikata.

Artikolu 9

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) l-informazzjoni klassifikata rilaxxata kollha lill-Unjoni skont dan il-Ftehim għandha tintbagħat permezz ta':

i. ir-Reġistru Ċentrali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, jekk tkun indirizzata lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill jew lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

ii. ir-Reġistru tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea jekk tkun indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea;

iii. ir-Reġistru tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jekk tkun indirizzata lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jew is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna;

(b) l-informazzjoni klassifikata kollha rilaxxata lir-Renju Unit skont dan il-Ftehim għandha tintbagħat lir-Renju Unit permezz tal-Missjoni tar-Renju Unit lejn l-Unjoni;

(c) il-Partijiet jistgħu jaqblu b'mod reċiproku dwar il-metodi xierqa biex jiżguraw l-iskambju effiċjenti tal-informazzjoni klassifikata, skont l-arranġamenti stabbilit fil-punti (a) u (b).

Artikolu 10

It-trażmissjonijiet elettroniċi ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Unjoni u r-Renju Unit u t-trażmissjonijiet elettroniċi ta' informazzjoni klassifikata bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni għandhom jiġu kriptati f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti li tirrilaxxa, kif stabbilit fil-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti tagħha; id-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għandha tistabbilixxi kif xieraq il-kundizzjonijiet li bihom kull Parti tista' tittrażmetti, taħżen jew tipproċessa informazzjoni klassifikata, ipprovduta mill-Parti l-oħra, fin-networks interni tagħhom.

Artikolu 11

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, il-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali tar-Renju Unit, l-Uffiċċju tal-Kabinett għandhom jissorveljaw l-

implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12

1. Biex dan il-Ftehim jiġi implimentat, għandha tiġi stabbilita dispożizzjoni ta' implimentazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sigurtà kompetenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni indikati hawn taħt, li kull waħda taġixxi f'isem l-awtorità organizzattiva tagħha, u l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali tar-Renju Unit, l-Uffiċċju tal-Kabinett, biex jiġu stabbiliti l-istandards għall-protezzjoni reċiproka ta' informazzjoni klassifikata skont dan il-Ftehim:

(a) id-Direttorat għas-Sikurezza u s-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

(b) id-Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea (DG.HR.DS); u

(c) id-Direttorat għas-Sigurtà u l-Infrastruttura tas-SEAE.

2. Qabel ma tiġi pprovduta jew skambjata informazzjoni klassifikata skont dan il-Ftehim, l-awtoritajiet tas-sigurtà kompetenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jaqblu li l-Parti riċeventi tkun tista' tipproteġi l-informazzjoni b'mod konsistenti mad-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni.

Artikolu 13

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli fir-rigward tas-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata li tkun soġġetta għal dan il-Ftehim u jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni. L-awtoritajiet tas-sigurtà kompetenti msemmija fl-Artikolu 12(1) għandhom iwettqu konsultazzjonijiet u żjajjar ta' evalwazzjoni reċiproċi ta' sigurtà biex tiġi stmata l-effettività tal-arranġamenti tas-sigurtà fil-qasam tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Il-Partijiet għandhom jiddeċiedu flimkien dwar il-frekwenza ta' dawk il-konsultazzjonijiet u ż-żjarat ta' valutazzjoni u dwar meta għandhom isiru.

Artikolu 14

1. L-awtorità tas-sigurtà kompetenti ta' Parti kif imsemmija fl-Artikolu 12(1) għandha tinforma immedjatament lill-awtorità tas-sigurtà kompetenti tal-Parti l-oħra b'xi każ ta' żvelar mhux awtorizzat ippruvat jew suspettat jew telf ta' informazzjoni klassifikata pprovduta minn dik il-Parti. L-awtorità tas-sigurtà kompetenti tal-Parti rilevanti għandha tmexxi investigazzjoni, bl-assistenza tal-Parti l-oħra jekk meħtieġ, u għandha tirrapporta r-riżultati lill-Parti l-oħra.

2. L-awtoritajiet tas-sigurtà kompetenti msemmijin fl-Artikolu 12(1) għandhom jistabbilixxu l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet bħal dawn.

Artikolu 15

Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż tagħha stess fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 16

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jbiddel il-ftehim jew ftehimiet bejn il-Partijiet jew il-ftehimiet

jew l-arranġamenti bejn ir-Renju Unit u Stat Membru wieħed jew aktar.

2. Dan il-Ftehim ma għandux jipprekludi lill-Partijiet milli jikkonkludu ftehimiet oħra relatati mal-provvediment jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata li tkun soġġetta għal dan il-Ftehim, sakemm dawn il-ftehimiet ma jkunx inkompatibbli mal-obbligi skont dan il-Ftehim.

Artikolu 17

Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub b'kull bidla fil-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti tagħha li tista' taffettwa l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata msemmija f'dan il-Ftehim.

Artikoli 18

Il-Partijiet għandhom jindirizzaw kull tilwim li jirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' konsultazzjonijiet.

Artikolu 19

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-istess data bħad-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, dment li, qabel din id-data, il-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-istabbiliment tal-kunsens tagħhom li jintrabtu.

2. Il-Ftehim għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jew mid-data li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom biex jirrilaxxaw informazzjoni klassifikata skont dan il-Ftehim, skont liema data tkun l-aktar tard Jekk il-Partijiet ma jkunux innotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom biex jistabbilixxu l-kunsens tagħhom li jkunu marbuta b'dan il-Ftehim mid-data li fiha l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni tieqaf, dan il-Ftehim għandu jieqaf milli jkun applikat.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi rieżaminat biex jiġu kkunsidrati emendi eventwali b'talba ta' xi waħda mill-Partijiet.

4. Kull emenda magħmula għal dan il-Ftehim għandha ssir biss bil-miktub u bi ftehim komuni bejn il-Partijiet.

Artikolu 20

1. Skont l-Artikolu FINPROV.8 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, dan il-Ftehim jintemm mat-tmiem tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

2. It-tmiem ta' dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa l-obbligi li diġà daħlu għalihom b'dan il-Ftehim. B'mod partikolari, kull informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata skont dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi protetta f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 21

Dan il-Ftehim għandu jitfassal b'żewġ kopji bil-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż. Sat-30 ta' April 2021, il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Ftehim għandhom ikunu soġġetti għal proċess ta'

reviżjoni ġuridika finali. Minkejja s-sentenza preċedenti, il-proċess tar-reviżjoni legali finali għall-verżjoni Ingliż tal-Ftehim għandha tkun iffinalizzata mhux aktar tard mill-jum imsemmi fl-Artikolu 19(1) jekk din il-ġurnata ma tiġix qabel it-30 ta' April 2021.

Il-verżjonijiet lingwistiċi li jirriżultaw mill-proċess ta' reviżjoni legali finali ta' hawn fuq għandhom jieħdu post *ab initio* l-verżjonijiet iffirmati tal-Ftehim u għandhom jiġu stabbiliti bħala awtentiċi u definittivi permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet.